IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru.22 (Tnejn u Għoxrin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-Librerija tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 19 ta' Frar, 2015 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sndku | Neil Attard |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi<br>Mary Doris Borg<br>Antonia Buttiġieġ |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicolae Demajo (Skużat) |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji. Kulħadd preżenti.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija u approvati unanimament.

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

3.1 Knis – Għadu jkollna ilmenti fuq bins li mhux jitbattlu u ħmieġ tal-klieb.
Il-Kunsill qabel unanimament li nibgħatu lill-Kuntrattur sabiex il-knis jibda wara t-8am u l-ġbir tal-iskart jibda wara s-7.30am.

Il-Kunsill qabel unanimament li lejn l-aħħar tax-xahar ta' Marzu ser jitneħħew l-*skips* ta' Triq Karmelo Ritchie, Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Triq il-Knisja u ta' Triq l-Ispnott. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv huwa mitlub li jibgħat avviż lir-residenti tal-akwati biex ikunu infurmati bis-sistema l-ġdida. Ġie deċiż ukoll li dawn l-iskips jitpoġġew mal-Promenade u b'hekk jibqa l-istess numru ta' skips fil-Lokalita'.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

4. Item Nru 4 Fuq l-Aġenda – Korrispondenza

4.1 Proġetti Kapitali – Is-Sindku qal li nhar l-24 ta' Frar ser ikollna laqgħa rigward l-applikazzjoni li għamilna fuq il-proġetti kapitali. Fil-laqgħa li jmiss ser ikollna aktar informazzjoni.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Il-Pagamenti ġew approvati b'erbgħa voti favur u astensjoni waħda.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Fuq il-proġett ta' fejn in-*nursery* kif tkellimna f' laqgħat preċedenti, il-bini ser jkun ta' żewġ sulari u għall-bidu ser isir "area" miftuha/parking, imbagħad jiġi konvertit fi grawnd 5-a-side jew futsall.

6.2 Is-Sindku tkellem fuq ix-xogħol li qiegħed isir quddiem il-Joe Joe's minħabba li qiegħed iżomm l-ilma. Dan ix-xogħol għadu mhux komplut u għalissa immarkaw fejn qiegħed iżomm l-ilma. Nerġgħu inkellmu lill-*Public Works* sabiex naraw kif ser ikomplu.

6.3 Bus Shelters – Is-Sindku qal li l-Bus shelters ta' Dawret ix-Xatt ġew approvati u qed nistennew li jiġu installati.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Is-Sindku qal li l-attivita' kulturali il jmiss ser issir fit-18 ta' Marzu.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 Impjant SSTP – Is-Sindku nforma lil sħabu li l-impjant dan l-aħħar sofra xi ħsarat u kien hemm il-bżonn li jintefa' drenaġġ fil-baħar. Ir-riħa naqqset ħafna però kultant għadna inxommuha. Il-Kunsill qabel li jikteb lis-Sur Stefan Cachia sabiex jorganizza laqgħa oħra tal-*Monitoring Committee* għaliex ilna żmien twil ma niltaqgħu.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda – Approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena 2014

9.1 Approvazzjoni tar-rapporti finanzjarji – Is-Sindku qal li dawn ir-rapporti rċevejnihom illum stess mingħand l-Accountant u ma' l-ewwel daqqa t'għajn jidher li hemm xi żbalji. Għalhekk il-Kunsill mhux ser japprova dawn ir-rapporti llum. Il-Kunsill inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibgħat lid-Dipartiment u jinforma b'din is-sitwazzjoni. Ġie deċiż ukoll li meta jkolna l-Accounts wara li jiġu emendati nerġgħu niltaqgħu ħalli niddiskutuhom u napprovawhom. Is-Segretarju Eżekuttiv ġie nkarigat li jċempell lill Kunsilliera meta nkunu nistgħu nerġgħu niltaqgħu speċifikament sabiex niddiskutu u napprovaw il-Fianancial Statements.

10. Item Nru. 10 fuq l-Aġenda – Ħatra ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

10.1 Ħatra ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ – Is-Sindku informa lil Kunsilliera li ġaladarba l-Ambaxxatur preċedenti għalaq it-18 –il sena ma jistax ikompli jservi ta' Ambaxxatur taż-żgħażagħ għalhekk il-Kunsill għandu jaħtar persuna oħra biex tokkupa din il-kariga. Is-Sindku ppropona w innomina lis-Sinjorina Nicole Buttigieg li għandha 16 –il sena u li diġà kienet involuta f' xogħol u proġetti tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta tas-Sindku.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornament għat-Tlieta, 24ta' Marzu, 2015 fis-6.00pm

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt